Il-Kummerċ Internazzjonali tal-Merkanzija: Settembru 2026

NR 203/2026 | Il-Kummerċ Internazzjonali tal-Merkanzija | Data tal-Mrug: 09/11/2026 | Data tal-Għeluq: 02/11/2026

Aħbarijiet | Tabelli | Metodoloġija



Il-Punti ewlenin

- F'Settembru 2026, Malta reġistrat żbilanċ proviżorju ta' €431.5 miljun fil-kummerċ tal-merkanzija.
- F'Settembru 2026, l-importazzjoni tal-merkanzija żdiedet bi 2.8 fil-mija, filwaqt li l-esportazzjoni tal-merkanzija naqset b'10.5 fil-mija, fuq l-istess xahar tas-sena ta' qabel.
- Minn Jannar sa Settembru, l-importazzjoni tal-merkanzija mill-UE kienet tammonta għal €4,345.0 miljun, li tirrappreżenta 59.9 fil-mija tal-importazzjoni kollha tal-merkanzija, filwaqt li l-esportazzjoni tal-merkanzija lejn l-UE laħqet l-€1,261.1 miljun, li tammonta għal 32.2 fil-mija tal-esportazzjoni kollha tal-merkanzija.

Il-Kummentarju


Ċifri proviżorji tal-kummerċ tal-merkanzija juru li, f'Settembru 2026, kien irreġistrat defiċit kummerċjali ta' €431.5 miljun, meta mqabbel mad-defiċit ta' €358.3 miljun tal-istess xahar fl-2025.

Il-Kummerċ Ħieles tal-Merkanzija: Settembru 2026

F'din l-istqarrija tal-Aħbarijiet qed jingħata tagħrif dwar il-kummerċ kollu tal-merkanzija sad-data tal-għeluq imsemmija. Ċifri proviżorji juru li, f'Settembru 2026, kien irreġistrat defiċit ta' €431.5 miljun meta mqabbel mad-defiċit ta' €358.3 miljun ta' Settembru 2025. L-importazzjoni kienet ta' €858.2 miljun, filwaqt li l-esportazzjoni kienet ta' €426.8 miljun, li jiġu żieda ta' €23.2 miljun fl-importazzjoni u tnaqqis ta' €49.9 miljun fl-esportazzjoni, meta mqabblin ma' Settembru 2025 (Tabella nru 1).

Iż-żieda fl-importazzjoni kienet ġejja l-aktar mill-Fjuwil minerali, lubrikanti u materjal relatat (€84.8 miljun). Min-naħa l-oħra, kien hemm tnaqqis fl-importazzjoni tal-Makkinarju u t-tagħmir tat-trasport (€54.2 miljun). Min-naħa tal-esportazzjoni, l-akbar tnaqqigħiet dehru fil-Kimika (€23.9 miljun), fil-Makkinarju u t-tagħmir tat-trasport (€16.2-il miljun) u fl-Oġġetti mixxellanji tal-manifattura (€15.9-il miljun). Min-naħa l-oħra, kien hemm żieda ta' €8.7 miljuni fl-esportazzjoni tal-Ikel (Tabella nru 3).

Ċart nru 1. Il-kummerċ internazzjonali tal-merkanzija: Data ta' kull tliet xhur



Il-Kummerċ Ħieles tal-Merkanzija: Jannar-Settembru 2026

Tul l-ewwel disa' xhur tal-2026, id-defiċit naqas b'€492.7 miljun meta mqabbel mal-istess żmien tal-2025, u laħaq it-€3,341.5 miljun. L-importazzjoni kienet ta' €7,259.0 miljun, filwaqt li l-esportazzjoni kienet ta' €3,917.6-il miljun. Dan fisser tnaqqis ta' €59.9 miljun fl-importazzjoni u żieda ta' €432.7 miljun fl-esportazzjoni fuq l-istess żmien tas-sena ta' qabel (Tabella nru 1).


It-tnaqqis fl-importazzjoni kien ġej l-aktar minn importazzjoni aktar baxxa tal-Makkinarju u t-tagħmir tat-trasport (€419.3-il miljun), tal-Kimika (€45.8 miljun) u ta' Tranżazzjonijiet u prodotti mixxellanji (€29.7 miljun). Min-naħa l-oħra, kien hemm żieda fl-importazzjoni tal-Fjuwil minerali, lubrikanti u materjal relatat (€376.3 miljun), fl-Oġġetti mixxellanji tal-manifattura (€46.7 miljun) u fl-Oġġetti semimanifatturati (€14.0-il miljun). Min-naħa tal-esportazzjoni, iż-żidiet ewlenin kienu fil-Fjuwil minerali, lubrikanti u materjal relatat (€198.7 miljun), fil-Makkinarju u t-tagħmir tat-trasport (€185.0 miljun) u fl-Ikel (€43.9 miljun) (Tabella nru 3).

Il-merkanzija kienet, fil-biċċa l-kbira tagħha, miġjuba mill-Unjoni Ewropea (59.9 fil-mija) u mill-Asja (20.1 fil-mija). Simili għas-sitwazzjoni tal-importazzjoni, l-akbar numri tal-esportazzjoni kienu reġistrati lejn l-Unjoni Ewropea (32.2 fil-mija) u l-Asja (13.4 fil-mija). L-akbar żieda fl-importazzjoni ġiet mill-Olanda (€83.6 miljun), filwaqt li l-importazzjoni minn Franza reġistrat l-akbar tnaqqis (€513.1-il miljun). L-esportazzjoni lejn il-Germanja reġistrat l-akbar żieda (€54.2 miljun), filwaqt li dik lejn it-Turkija kellha l-akbar tnaqqis (€44.9 miljun) (Tabella nru 4).

Il-Kummerċ tal-Merkanzija eskluż kapitli speċifiċi[1]: Settembru 2026

F'Settembru 2026, id-defiċit fil-kummerċ tal-merkanzija li jħalli barra xi oġġetti speċifiċi kien jgħodd €178.0 miljun, meta mqabbel mad-defiċit ta' €167.6 miljun li kien irreġistrat fl-istess xahar tal-2025. L-importazzjoni u l-esportazzjoni kienu jiswew €472.7 miljun u €294.7 miljun, rispettivament, u b'hekk kien hemm tnaqqis ta' 1.4 fil-mija fl-importazzjoni u tnaqqis ta' 5.5 fil-mija fl-esportazzjoni meta mqabblin ma' Settembru 2025 (Tabella nru 1).

Ċart nru 2. Il-kummerċ tal-merkanzija eskluż kapitli speċifiċi[1]: Data ta' kull tliet xhur




Il-Kummerċ tal-Merkanzija eskluż kapitli speċifiċi[1]: Jannar-Settembru 2026

Tul l-ewwel disa' xhur tal-2026, id-defiċit fil-kummerċ tal-merkanzija li jeskludi xi oġġetti speċifiċi naqas b'€280.8 miljun meta mqabbel mal-istess żmien tal-2025 biex laħaq l-€1,961.6 miljun. L-importazzjoni naqset b'1.3 fil-mija, filwaqt li l-esportazzjoni żdiedet b'10.4 fil-mija biex laħqu l-€4,351.4 miljun u l-€2,389.7 miljun, rispettivament (Tabella nru 1).


Ċart nru 3. It-tibdil perċentwali fil-kummerċ tal-merkanzija

Tqabbil mal-istess xahar ta' sena qabel



Ċart nru 4. It-taqsim perċentwali tal-kummerċ ħieles tal-merkanzija bil-gruppi ewlenin tal-prodotti

Xahar ta' referenza: Settembru 2026




[1] Id-data teskludi Fjuwil Minerali, Lubrikanti u Materjal Relatat (Kapitlu 27), Ingenji tal-Ajru, Ingenji tal-Ispazju, u Partijiet Tagħhom (Kapitlu 88) u Bastimenti, Dgħajjes u Strutturi li jżommu f'Wiċċ l-Ilma (Kapitlu 89). Ara nota nru 8 fil-metodoloġija.

Nota: It-totali jistgħu ma jġħoddux eżatt minħabba l-arrotondament.

Ċart nru 5. It-taqsim perċentwali tal-kummerċ tal-merkanzija eskluż kapitli speċifiċi[1], bil-kontinent/reġjun

Xahar ta' referenza: Settembru 2026



Il-Kummerċ Internazzjonali tal-Merkanzija

Stqarrijiet tal-Aħbarijiet Oħra

Il-Kummerċ Internazzjonali tal-Merkanzija: Awwissu 2026

Il-Kummerċ Internazzjonali tal-Merkanzija: Lulju 2026

Il-Kummerċ Internazzjonali tal-Merkanzija: Gunju 2026

Il-Kummerċ Internazzjonali tal-Merkanzija: Mejju 2026

Il-Kummerċ Internazzjonali tal-Merkanzija: April 2026

Temi Oħra Relatati

Il-Bilanċ tal-Pagamenti

Il-Globalizzazzjoni u l-Istatistika tan-Negozju

Il-Kontijiet Nazzjonali

Għal mistoqsijiet ikkuntattja:

trade.nso@gov.mt

Għal aktar data, jekk joġħġbok żur:

L-Indikaturi Magħzula